26 ta' Ġunju, 1954.

Imħallef:
L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

**Avukat Dr. Joseph Soler ne.** *versus* **Leone Gambin** (*)

**Kompetenza — Impriża ta' Spettakoli Pubbliċi — Att tal-Kummerċ — Delitt — Art. 5 (g), 87 (3) u 640 (b) tal-Kodiċi tal-Kummerċ.**

*Obligazzjoni li titwieled minn delitt tieħu karattru kummerċjali meta hija kollegata ma' fatt kummerċjali; u għalhekk l-użurpazzjoni ta' proprjetà immobiljari li hija konnessa ma' att obbjettiv tal-kummerċ, bħal ma hija impriża ta' spettakoli pubbliċi, tassumi natura kummerċjali.*

*U billi, jekk l-att li fuqu tkun il-kawża hu ta' natura kummerċjali għall-konvenut biss, kull azzjoni li titnissel minnu tmiss lill-Qorti tal-Kummerċ, u huma ta' natura kummerċjali l-kwistjonijiet kollha dwar attijiet tal-kummerċ bejn kull xorta ta' persuni, għalhekk il-konjizzjoni ta' kawża li tirrigwarda l-użurpazzjoni ta' proprjetà immobiljari li ssir in konnessjoni ma' l-eżerċizzju ta' impriża ta' spettakoli pubbliċi hija ta' kompetenza tal-Qorti tal-Kummerċ.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meħtieġa u wara li jigu mogħtija l-provvedimenti opportuni, peress li l-konvenut fil-kostruzzjoni ta' li Stoll Theatre, numru 76 Victory Street, Senglea, okkupa biċċa mill-fond attigwu ta' l-atturi numru 75 ta' l-istess triq, tal-kapaċità li tirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża, u żiedha mal-fond tiegħu numru 76 fuq imsemmi, u dan għamlu in mala fede u ad insaputa ta' l-atturi, talbu (1) li jiġi dikjarat li fir-rikostruzzjoni tal-fond tiegħu fuq imsemmi huwa approprja ruħu indebitament mill-porzjoni ta' l-art fuq imsemmija, tal-kapaċità li, anki per mezz ta' esperti, tirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża, u li hija parti mill-fond ta' l-atturi fuq ukoll indikat, u li għalhekk lill-atturi jikkompeti d-dritt tal-proprjetà ta' l-istess porzjoni ta' art hekk approprjata indebi-

(*) Konfermata fl-Appell b'sentenza tal-10 ta' Jannar, 1955.

tament mill-konvenut; (2) li l-konvenut jiġi kundannat jirrilaxxja favur l-atturi l-istess biċċa art u jpoġġiha fl-istat pristinu, fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss, billi l-istess konvenut jiġi kundannat jiddemolixxi taħt id-direzzjoni peritali l-opri mkonija fuq l-istess art ta' l-atturi; (3) li f'każ li ma jagħmilx dan fl-istess żmien, l-atturi jiġu awtorizzati li jagħmlu huma stess dan ix-xogħol taħt l-istess direzzjoni peritali u a spejjeż tal-konvenut. Salvi d-drittijiet ta' l-atturi għad-danni. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-kontroprotest tat-23 ta' Awissu 1951;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar l-eċċepita inkompetenza;

Illi l-atturi fiċ-ċitazzjoni jippremettu li l-konvenut, fil-kostruzzjoni ta' li Stoll Theatre........... okkupa biċċa mill-fond attigwu ta' l-istess atturi, u dan in mala fede u ad insaputa tagħhom; u għalhekk qegħdin jitolbu li jiġi dikjarat li huwa approprja ruħu indebitament mill-porzjoni ta' l-art hekk minnu okkupata;

Illi mix-xhieda mhux kontrastata tal-konvenut jirriżulta illi fli Stoll Theatre hemm ċinematografu, club għal-logħob tal-billiard u bar publiku; is-sala taċ-ċinematografu, imbagħad, tinkera wkoll għas-sfin u għat-riġijiet. Minn dan jidher li, fost ħwejjeġ oħra, fil-fond hemm impriża ta' spettakoli publiċi, annoverata fost l-attijiet tal-kummerċ (art. 5 (g) Kodiċi Kummerċjali). Del resto, anki l-atturi, skond il-verbal fol. 10, jirrikonoxxu illi li Stoll Theatre huwa fond kummerċjali;

Illi lanqas hu kontestat, anzi huwa presuppost mill-atturi, li l-art talvolta użurpata mill-konvenut tinsab inkorporata u ħaġa waħda ma' li Stoll Theatre;

Illi ormaj mhux iżjed kontestat fil-ġurisprudenza tagħna li l-obligazzjoni li titwieled minn delitt tieħu karattru kummerċjali meta hija kollegata ma' fatt kummerċjali (Kollez. XXXIII — I — 639). Fil-każ tagħna, imbagħad, il-pretiża użurpazzjoni tinsab intimament konnessa ma' att obbjettiv tal-kummerċ, u għalhekk tassumi wkoll natura kummerċjali (art. 5 (1) Kodiċi Kummerċjali);

Illi, barra minn dan, skond l-art. 37 (3) Proċedura Ċi-

vili, jekk katt li fuqu tkun il-kawża hu ta' natura kummerċjali għall-konvenut biss, kull azzjoni li titnissel minnu tmiss lill-Qorti tal-Kummerċ. Issa, huma ta' natura kummerċjali l-kwistjonijiet kollha dwar attijiet tal-kummerċ bejn kull xorta ta' persuni (art. 640 (b) Kodiċi Kummerċjali); u peress li, kif fuq ingħad, il-pretiża użurpazzjoni ta' l-art tassumi natura kummerċjali, il-konjizzjoni tagħha tidħol fil-kompetenza tal-Qorti tal-Kummerċ;

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut u tiddikjara ruħha inkompetenti li tieħu konjizzjoni tal-kawża "ratione materiae";

L-ispejjeż jitħallsu mill-atturi.